# Frak mill-Istorja

minn Joseph Serracino

Għalkemm s'issa għadu ħadd ma ltaqa' ma' xi dokument li jurina b'ċertezza fejn tqegħdet l-ewwel ġebla ta' din il-belt storika, kif wieħed jista' jimmaġina, f'ċirkustanzi bħal dawn jindew jitnisslu ħafna fehmiet differenti. Ħafna jsostnu li l-Isla taf il-bidu tagħha meta nbena l-Forti San Mikiel (1532) u ttajret għall-ewwel darba l-bandiera ta' l-Ordni fuqu.

Iżda ssib oħrajn li huma tal-fehma li l-Isla taf il-bidu tagħha fi żmien il-Gran Mastru Philippe Villiers de L'Isle Adam (1530-1534) meta huwa kien bena dar kbira (La Casa Magistrale) bħala post ta' mistrieħ għalih fuq l-Għolja ta' San Giljan kif l-Isla kienet magħrufa f'dawk iż-żminijiet, sewwasew faċċata tal-Forti Sant'Anġlu, proprju fl-ispazju vojt fejn illum hemm mibnijin żewġ blokki kbar ta' appartamenti tal-Gvern.

Oħrajn isostnu li l-Isla taf il-bidu tagħha lill-Gran Mastru Juan d'Omedes (1536-1553) meta huwa wkoll bena dar kbira għalih (Villa D'Homedes) u dawwarha b'ġonna kbar u magħha bena wkoll razzett li kien fih kellu kull xorta ta' annimali. Aktarx li s-sit oriġinali ta' din id-dar kien jestendi għall-firxa art li fuqha llum hemm mibnijin iż-żewġ blokki ta' appartamenti tal-Gvern wara l-bini ta' l-Azzjoni Kattolika, kif ukoll kienet tinkludi wkoll dik il-wesgħa art jew pjazza żgħira li hemm taħt il-każin tal-banda. Issa jekk waħda minn dawn iż-żewġ teżi hi korretta, allura se jkollna naċċettaw il-fatt li l-Isla taf l-bidu tagħha snin qabel ma nbena l-Forti San Mikiel.

## Villa Sirena

Xi whud mill-istoriċi jsostnu li d-dar kbira (La Casa Magistrale) li kienet inbniet mill-Gran Mastru L'Isle Adam fuq din ix-xaqliba maż-żmien saret magħrufa bħala Villa Sirena. Din il-villa wkoll kienet imdawra bil-ġonna, kienet inbniet taħt Triq Sirena (aktarx imsemmija għaliha) u kienet tagħti għal fuq il-baħar, faċċata ta' Sant'Anġlu. Aktar tard, fiż-żmien l-Ingliżi, din il-villa saret magħrufa bħala Villa Davies. Sfortunatament din il-villa ġġarrfet fil-gwerra, u minnha fadal biss Għar imħaffer fil-blat f'forma ta' Arzella, u li aktarx dan l-Għar kien jagħmel parti mill-ġnien oriġinali tad-dar La Casa Magistrali li kif għedt kienet inbniet fiż-żmien l-ewwel Gran Mastru ta' Malta.

## L-Għar ta' Mikelin

Sa qabel ma nbniet it-triq li tagħti mix-xatt sal-Ponta ta' l-Isla, xi whud mid-djar li jagħtu għal-baħar kellhom bħal xelter imħaffer fil-blat, u r-residenti kienu jużawhom biex jinżlu jgħumu fis-sajf. Dan il-passaġġ privat bit-taraġ kienu jsejħulu Għar, li kien jingħalaq b'kanċell tal-ħadid u jinfetaħ biss kull meta xi membru tal-familja kien jitħajjar jinżel jgħum.

Sewwasew taħt Villa Davies kien hemm Għar li kien kemmxejn akbar mill-oħrajn, magħruf fost ir-risidenti ta' dawk l-inħawi bħala l-Għar ta' Mikelin. Personalment ma nafx jekk dan l-Għar kienx jinfed ma' xi dar privata jew le. Jidhirli li parti mill-bokka tiegħu kienet magħluqa, għalkemm it-tranja tal-baħar kienet tinstema' tiela' u nieżla kontinwament. B'danakollu, dan l-Għar, barra li kien l-aktar wieħed popolari fost l-għerien l-oħra li kienu jagħtu għall-baħar għax qabel il-gwerra, biswitu kienu jilgħabu l-Water Polo, miegħu hemm marbuta leġġenda ħelwa li kont smajtha fi tfuliti, u ftit tas-snin ilu erġajt ftakart fiha meta fuq xi perjodiku kont qrajt kitba interessanti dwar l-Isla qabel it-Tieni Gwerra Dinjija miktuba mill-ħabib tiegħi Charles Clews. Fi ftit kliem l-istorja ta' din il-leġġenda kienet tgħid hekk:

Jingħad li f'dan il-Għar kien hemm Sirena li fit-tlugħ u f'inżul ix-xemx kienet toħroġ tgħanni fuq il-blat. L-għana ħlejju tagħha kienu jinstema' min-nies li kienu joqogħdu f'dawk l-inħawi u mis-sajjieda u l-barklori li kienu jgħaddi minn qrib il-għar. B'danakollu din l-għana ta' ksir il-qalb li kienet issaħħar lil kull min kien jismagħha, ħadd ma rnexxielu jiskropri minn fejn kienet ġejja għajr żagħżugħ sajjied, li jum fost l-oħrajn, waqt li kien riesaq lejn ix-xatt ta' l-Isla bil-Kajjikk tiegħu



lemaħ lis-Sirena tgħanni fuq il-blat qrib l-għar.

Għall-ewwel iż-żagħżugħ inħasad, u għal ftit tal-ħin baqa' mibluħ iħares lejha, iżda fl-aħħar qatagħha li jersaq lejha biex jaraha mill-qrib. Hekk għamel, u meta raha ġġennen warajha! Is-Sirena wkoll ħadet grazzja miegħu, iżda hi kienet taf li fuqha kellha seħer li jekk tbus xi bniedem isir tal-ġebel. Il-leġġenda tkompli tgħid li ż-żewġ maħbubin tant kienu nġibdu lejn xulxin li darba fost l-oħrajn insew is-seħer u biesu lil xulxin. Mal-bewsa s-sirena saret tal-ġebel!

Jingħad li fl-antik din il-leġġenda tant kienet popolari fost ix-xjuħ ta' dawn l-inħawi li bosta minnhom kienu jaħsbu li t-triq ta' fuq dan il-Għar ta' Mikelin issemmiet Triq is-Sirena għal din l-imsejkna Sirena li ssagrifikat ħajjitha għall-bewsa taż-żagħżugħ li saret tħobb. Tinsewx li din hi sempliċi leġġenda u m'hemmx xejn veritaÏ fiha, iżda storja li ntirtet minn ġenerazzjoni għall-oħra bħal ħafna stejjer oħra li nsibu fil-folklor ta' diversi pajjiżi.

Iżda ħaġa ta' l-għaġeb kif dan il-Għar baqa' jiddomina dawn in-naħat! Wara li madwar 40 sena ilu nfetħet it-triq li tagħti mix-Xatt ta' l-Isla għall-Ponta (taħt is-sur tal-ġnien tal-Gardjola) l-għerien tad-djar li kienu jagħtu għall-baħar ġew imbarrati bil-ġebel, dan l-Għar waqa' l-mira ta' xi vandali u beda jimtela' bl-iskart. Xi persuna devota tal-Madonna ġietha l-idea li tikkonverti dan il-post f'wieħed ta' devozzjoni, qiegħdet statwa sabiħa tal-Madonna ta' Lourdes u għalqitu b'kanċell tal-ħadid. In-nies mill-ewwel tħeġġet u nisslet devozzjoni kbira lejn din ix-xhieda qaddisa tal-Madonna, u fi ftit żmien, dan l-Għar li sa ftit tas-snin qabel kien magħruf bħala l-Għar ta' Mikelin ġie msemmi l-Għar tal-Madonna ta' Lourdes, fejn il-kotra tan-nies li ta' spiss jgħaddu minn quddiemu fi triqithom lejn il-Ponta, jieqfu għal ftit tal-ħin quddiemu, u b'ħerqa kbira jitolbu lil l-Omm ċelesti tgħinhom fil-bżonnijiet u l-ħtiġijiet tagħhom.



## L-Istatwa ta' Marija Bambina

Wara l-Assedju l-Kbir (1565) l-poplu Senglean wera x-xewqa li jibni Santwarju u jiddedikah lill-Madonna – Is-Sultana ta' l-Isla. Meta tlesta t-tempju, il-poplu talab lill-kappillan biex jiġbor somma flus minn fost il-fidili u bihom issir statwa tal-Madonna taħt it-titlu tal-Vitorja. Il-flus inġabru, iżda Alla l-Imbierek fl-imħabba kbira tiegħu lejn il-poplu kien diġà ħejja pjan Tiegħu għall-poplu ta' din il-belt, ħafna u ħafna snin qabel man-nies ta' din il-belt ġdida wrew ix-xewqa tagħhom lir-ragħaj spiritwali tagħhom Dun Gosmu Talavera. Kemm tabilħaqq il-wasla ta' din l-istatwa mirakoluża ġo l-Isla kienet il-providenza kbira ta' Alla wieħed jista' janalizzah tajjeb kemm mit-tradizzjoni li ntirtet minn ġenerazzjoni għall-oħra matul iż-żmienijiet, kif ukoll mid-dokumentazzjoni serja ta' l-istudjuż ta' l-Istorja Patri Alexander Bonnici.

## It-Tradizzjoni

Skond it-tradizzjoni jingħad li xini li kien qed ibaħħar min-naħa ta' l-Italja fi triqtu għall-pajjiż ta' l-Afrika ta' fuq bi statwa tal-Madonna għall-knisja tal-patrijiet Franġiskani. Meta kien qrib Malta, qabditu maltempata kbira u daħal jistkenn fil-port fejn mar isorġi qrib ix-Xatt ta' l-Isla. Wara li għaddiet il-maltempata, il-kaptan ħaseb li jkompli bil-vjaġġ tiegħu, iżda malli tbiegħed ftit mili minn Malta l-ajru reġa' ċċajpar u wara ftit qamet maltempata oħra. Kontra qalbu l-kaptan kellu jerġa' lura Malta għal kenn ... u għal sitt darbiet wara xulxin, ix-Xini ħarġet mill-port u għal sitt darbiet reġgħet lura.

Meta l-kaptan ra dan il-fenomenu tħawwad ħafna u bagħat għall-kappillan biex ikellmu. Dun Gosmu Talavera mar mill-ewwel għax ħaseb li fuq ix-Xini kien hemm xi moribond, iżda meta sar jaf x'kienet ir-raġuni fuqiex ried ikellmu l-kaptan, talbu biex flimkien iduru x-Xini. F'ħin minnhom il-kappillan lemaħ kaxxa kbira u staqsa x'kien fiha l-kaxxa. Il-kaptan b'kalma kbira lissen bil-mod, 'Statwa tal-Madonna'.

Dak il-ħin il-kappillan qisu ġie mnebbaħ x'kienet ir-raġuni tal-maltempati li ġegħlu lill-kaptan jidħol għal kenn fil-port tagħna, għalhekk bi kliem meqjus huwa dar fuqu u qallu, 'jidher ċar li kif seħħu dawn iċ-ċirkustanżi, Alla l-imbierek irrid li l-istatwa tibqa' fil-parroċċa ta' din il-belt ddedikata lil Madonna'. Il-kaptan tħawwad, iżda meta xtarr sewwa kliem il-kappillan irregalaha l-istatwa lill-poplu ta' l-Isla. Dak in-nhar stess, il-poplu ta' din il-belt

niżel ix-xatt u b'manifestazzjoni Marjana kbira, l-istatwa tal-Madonna ġiet imtella' proċessjonalment sas-Santwarju l-ġdid tagħha. Dik il-lejla stess, ix-Xini kompla triqtu lejn id-destinazzjoni tiegħu fis-sliem.

## Id-Dokumentazzjoni

Patri Alexander Bonnici isostni li fl-1618, Xini mgħobbi bil-passiġġieri, fosthom xi Maltin - tnejn minnhom Sengleani (ċertu Lanzon u Dimitri Tumbo ) kien qed ibaħħar f'Adrijatiku, meta l-kaptan tax-Xini lemaħ Pulena ta' Galjun li kienet tiffigura x-xbiha tal-Vergni Mqaddsa. Il-kaptan għamel ħsieb li jirregala din ix-xbiha lil xi knisja ta' l-ewwel art li jidħol fiha. Kif iż-żewġ Sengleani saru jafu bil-ħsieb tal-kaptan, huma talbuh biex jagħtiha lill-poplu ta' l-Isla, peress li f'belthom inbniet knisja ddedikata lill-Madonna u statwa ma kellhomx. Għat-talba taż-żewġ Sengleani, il-kaptan biddel ir-rotta u daħal fil-Port il-Kbir u sorġa x-Xatt ta' l-Isla, fejn pubblikament irregalaha lill-Kappillan Dun Gosmu Talavera, li bi tqanqil kbir laqagħha fil-knisja f'isem il-poplu tal-belt ta' l-Isla...

Issa jekk wieħed jagħrbel tajjeb it-tradizzjoni li ntirtet minn ġenerazjoni għall-oħra u d-dokumentazzjoni, mill-ewwel jintebaħ, li għalkemm il-kontenut taż-żewġ kitbiet hu differenti minn xulxin, il-messaġġ tal-miġja fostna - kemm bħala statwa f'tempesta (tradizzjon) jew is-sejba ta' Pulena f'nofs ta' baħar u l-preżenza taż-żewġ Sengleani fuq ix-Xini (dokumentazzjoni) juru kemm tabilħaqq kien il-ħsieb ta' Alla li x-xbiha tant għażiża Marija Bambina tiġi vvenerata u meqjuma fis-Santwarju l-ġdid li l-poplu Senglean kien lesta u b'imħabba kbira kien iddedikaħ lilha snin qabel.

IMAGES
Hairdressing
Carmel Street, Fgura
Tel: 2169 1287
IMAGES




VIRI'S
Pizza & Take Away Food
21, The Strand, Kalkara • Tel: 2180 2993
Free Deliveries from Tuesday to Friday
For all kind of Home Made Food:
Burgers, Vegetable Burgers, Chicken Burgers, Onion Rings, Cordon Bleau, Chinese Special, Spring Rolls, Calamari Rings, Chicken Nuggets, Mini Kieves, Scampi, Steaks/Steak Rolls, Daily Fresh Chicken, Chicken Dippers & 11 Different Pizzas